

# 25 Sena f'Ħidma Mużikali

Fil-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 1990 kienu ħarġu jdoqqu tliet bandisti ġodda mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Wieħed minn dawn kien Etienne Spiteri li minn dik il-ġurnata qatt ma ħares lura, tant li kompla bl-istudju mużikali tiegħu sakemm fid-9 ta' Lulju, 2013 kien maħtur Surmast Direttur tal-Banda Cospicuana.

Etienne, li twieled fl-4 ta' Marzu, 1978, sa minn meta kien żgħir, il-mużika kienet ġo demmu. Sa mill-età ta' tliet snin kien jiġri ma' missieru Louis ma' diversi baned bit-tamburello li n-nanna tiegħu Tereż kienet tatu bħala rigal.

Ta' seba' snin, bla ħsieb ta' xejn kien *idderieġa* l-Banda tal-Forzi Armata f'Wied il-Għajn, meta s-Surmast Ġorġ Debono kien tah l-bakketta meta kien rah tant qed jieħu pjaċir jisma' l-banda ddoqq! Minn meta ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda San Ġorġ għaddew 25 sena. Għalhekk il-Bord Editorjali ħass li kellu jagħmel dawn il-mistoqsijiet lis-Surmast Etienne Spiteri.

**Kif bdiet il-konnessjoni tiegħek mal-Każin tal-Banda San Ġorġ?**

Sa minn meta kont żgħir, missieri kien joħodni miegħu meta kien idoqq ma' diversi baned fil-festi Maltin u naturalment mal-banda ta' pajjiżna, dik ta' Bormla. Minn hemm, nista' ngħid li bdiet in-namra tiegħi lejn il-mużika inġenerali. U ta' dan nibqa' grat għomri kollu lejn missieri. Kien hu li ġibidni lejn il-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, għalkemm ħadt ukoll il-lezzjonijiet mużikali fl-iskola Johann Strauss. Kont ħriġt indoqq uffiċjalment bit-tambur mal-Banda ta' Bormla fil-Ġimgħa l-Kbira 1990.

Ħdejja, dakinhar kien hemm Ġużeppi Galea l-Akkwist, imexxini u jħeġġiġni f'dik l-ewwel esperjenza tiegħi. Mur għidli li llum, 25 sena wara, kien ser ikolli x-xorti li jkolli lil Ġużeppi għadu parti mill-Banda ta' Bormla, din id-darba bil-baxx u mmexxih jien!

**Kif kienet is-sitwazzjoni tal-banda dak iż-żmien u x'differenza tara maż-żminijiet tal-lum ?**

Fil-bidu tas-snin disgħin, il-baned Maltin bdew iħossu ċerta *ribelljoni* lejn id-dixxiplina li kellhom fi żminijiet aktar qabel. Sfortunatament bdew isiru aktar każini tal-festi milli tal-baned, u Soċjetà bħal tagħna, li hija kompletament iffukata fuq il-mużika, bdew iħossu dan l-effett ta' emoroġija. Min kien jibqa' kien bilfors jibqa' minħabba l-mużika u xejn aktar. It-tagħlim mużikali fil-privat beda jiffjorixxi, aktar u aktar meta ġenitur kien ikollu l-għażla jekk jibgħatx it-tfal tiegħu f'xi każin tal-banda, fejn bdew jiġu ttimbrati li huma postijiet tas-sokor, kliem baxx u tbaħrid, jew iħallas imma moħħu mistrieħ li wliedu qegħdin jieħu dak li marru għalih. Illum, 25 sena wara ndunajna kemm konna żbaljati fejn l-*image* li ħadu l-każini tal-banda qed nippruvaw niġbduh lura għall-istat oriġinali tiegħu. Il-każin tagħna sfortunatament sofra minn nuqqas kbir ta' studenti li għadna nbatu bih sal-lum. Ma għadux iż-żmien li jintużaw il-metodi kif kienu jmexxu missirijietna, imma trid taddatta ruħek għaż-żminijiet waqt li fl-istess ħin iżżomm il-kunċett ċar f'moħħok għalxiex twaqqaft; dik li xxerred l-arti mużikali, kif fil-fatt qed jiġri llum fil-każin tagħna. Bdejna t-triq, imma żgur għad baqgħalna x'naqdfu.

**Tul dawn is-snin kollha, liema kienu l-aktar mumenti feliċi għalik?**

Mumenti feliċi kien hemm ħafna. L-ewwel darba li daqqejt il-Fanfara Ave Maria ta' Vincenzo Ciappara fil-festa tal-1991, wara t-taħriġ meħtieġ mas-surmast ta' dak iż-żmien Carmelo Vella. L-ewwel darba li ħażżist l-ewwel marċ tiegħi fl-1993. Il-programmi varji waqt diversi okkażjonijiet li esegwiet il-Banda San Ġorġ, speċjalment dak li kont involut direttament jien bħala l-arkivista, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-140 u tal-150 sena, il-Cantata tas-Surmast Ray Sciberras fl-2005, li saret wara ħafna taqtigħ ta' qalb u nistgħu ngħidu grazzi għal ftit nies li bqajna nemmnu fil-proġett li kkompona s-Surmast Sciberras. Ovvjament is-sensazzjoni li ħassejt meta dderiġejt il-banda li bdejt magħha għall-ewwel darba hija indeskrivibbli. Nista' nibqa' nsemmi għax il-lista hija twila mhux ħażin.

**U l-aktar mumenti ta' niket u dispjaċir?**

Naturalment fejn hemm il-ferħ ser issib in-niket ukoll. Kull meta jmut xi ħadd li kien jaħdem għas-Soċjetà dejjem tħossha, l-aktar meta jonqsu nies li kont tkun magħhom direttament. Imma mument wieħed partikolari



*L-Erbgħa, 3 ta' Diċembru 2014: It-tliet bandisti ġodda li kienu ħarġu jdoqqu għall-ewwel darba mal-Banda San Ġorġ fis-sena 1990. Mix-xellug għal-lemin: Noel Mallia, Etienne Spiteri u Brian Falzon.*

nista' ngħid li kien u s'issa għadu ta' dispjaċir kbir għalija fil-ħajja tiegħi mal-Banda San Ġorġ kienet ir-riżenja tal-eks Surmast Ray Sciberras. Kif ġraw il-fatti ħalliet marka sewda ta' diżappunt personali fl-esperjenza sabiħa tiegħi ġewwa l-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.

**Fl-aħħar nett il-messaġġ tiegħek lill-kumitat u lill-bandisti ?**

Il-messaġġ tiegħi huwa wieħed. Hemm differenza kbira bejn li tagħmel l-affarijiet SEW u li tagħmel l-affarijiet KBAR. Il-Każin tal-Banda ta' Bormla ra kif għamel l-affarijiet SEW; ejjew nibqgħu b'din il-mentalità. Il-bandist tal-post li dejjem baqa' leali nittrattawh bħala *sponsor* ewlieni tal-każin filwaqt li nagħtu opportunitajiet biżżejjed sabiex min beda jiffjorixxi, ma jsibx intoppi biex jagħmel hekk, anzi għandu jsib l-għajnuna. Dak li jien inwiegħed li ser inkompli nagħmel bl-umiltà kollha, dment li nibqa' surmast tal-banda ta' pajjiżi.

*Il-President u l-Kumitat filwaqt li jirringrazzjaw lis-Surmast Etienne Spiteri, jawgurawlu aktar snin ta' ħidma mużikali fi ħdan il-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.*